**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Jannar, 2011

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Justin Fenech detentur tal-karta tal-identità 220781M**

Kump Nru. 281/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Justin Fenech u ċioè talli:

Nhar is-6 ta' Marzu 2007, għall-ħabta tal-10:30am ġewwa Paola:

1. Ikkommetta serq ta' ċwievet minn ġewwa residenza 147, Triq Lampuka, Paola, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok, għad-detriment ta' Francesco Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; u

2. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq minn ġewwa residenza 147, Triq Lampuka, Paola, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaċċedi l-€2329.37 u bil-lok għad-detriment ta' Francesco Agius u/jew ta' xi persuna/i ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(b), (e), 263(a), 269(g), 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c), (e), 263(a), 267, 269(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(iii) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Jesmond Micallef** xehed kif il-Pulizija kienet giet infurmata b'tentattiv ta' serqa li sehhet f'147, Lampuka Street, Rahal il-Gdid. Fuq il-post kien hemm is-sid, Frank Agius, u rrizulta li ma kienx hemm illevar izda li d-dhul sar minn tieqa li kien hemm mal-faccata tal-fond.[1] Minn fuq il-post gew elevati zewg marki tal-impronti digitali minn naha ta' barra tat-tieqa li hemm fuq il-faccata tad-dar li jidher li ntuzat biex sar id-dhul *"…kif diga ghidt gew elevati minn naha ta' barra tat-tieqa li sar id-dhul minnha."*[2] Ritratti cari ta' fejn instabu il-marki tal-impronti digitali huma dawk mmarkatai bhala F3 u F4 fid-Dok. JM8.[3]

Illi **PC453 Brian Cassar**, *Scene of Crime Officer* xehed li kien gibed xi ritratti li gew esebiti bhala Dok. JG2.[4]

Illi **PC1594 Brian Caruana** li kien risponsabbli mill-okkorenza li giet prezentata,[5] xehed kif kien mar jinvestiga rapport ta' serqa fejn kien gie

[1] Fol.14
[2] Fol.15
[3] Fol.75 formanti parti mir-ritratti esebiti minn PC 453 Brian Cassar, Dok. JG2.
[4] Vide verbal a. fol.6. Xhieda a fol. 19.
[5] Dok.JG3, a fol.21 et seq.

rappurtat li waqt li s-sid anzjan kien diehel go daru, ra ragel hiereg mit-tieqa tar-residenza tieghu, liema tieqa hi livell mat-triq. Fuq dik l-istess tieqa hu kien ra anke *footprints* u peress li kien anzjan ix-xhud dehrlu li ma setax kien is-sid Agius li tela` fuq it-tieqa[6]. L-unika haga li giet rappurtata misruqa kienu cwievet ta' vettrina u tal-bieb tal-kamra tal-banju.[7]

Illi l-**Ispettur James Grech** xehed li hu kien ha zewg stqarrijiet tal-imputat, wahda fit-18 ta' Mejju, 2013[8] u ohra fil-25 ta' Mejju, 2015.[9] Fl-ewwel stqarrija dwar il-fond allegatament derubat l-imputat jghid li *"Anqas qatt ma rajtha b'ghajnejja….Kont naf li joqghod Rahal Gdid imma ma kontx naf fejn kien joqghod, qatt ma mort ghandu."*[10] Fit-tieni stqarrija li ttiehedet wara li l-impronti digitali tal-imputat kienu rrizultaw li jaqblu mal-impronti elevati fuq ix-xena tad-delitt, mistoqsi qattx iffrekwenta d-dar taz-ziju t'ommu, il-parte civile, l-imputat jtenni *"Sa fejn niftakar jien, m'ersaqtx"* u li l-ahhar li kien ghadda minn dik it-triq kien meta kien ghadu jmur l-iskola.[11] Ikkonfrontat bil-fatt li l-fingerprints tieghu instabu fuq it-tieqa tal-anzjan jwiegeb *"Nifhmek qiegehd imma veru ma niftakarx."*[12] L-ispettur Grech ikkonferma li l-anzjan Francesco Agius kien miet qabel ma kien gie investigat l-imputat.[13]

Illi mill-atti processwali jirrizulta li meta s-sid tad-dar, irritorna f'daru, ra persuna taqbez il-barra mit-tieqa tar-residenza tieghu. Ghalhekk il-Qorti tistrieh biss fuq dak li gie rrapurtat lill-Pulizija mis-sid.[14]

Illi wara li l-Qorti hatret lil **Joseph Mallia** sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti elevati minn fuq it-tieqa tal-fond in kwistjoni ma dawk tal-imputat, xehed li *"L-ezami komparattiv sar kien hemm zewg impronti li t-tnejn kienu jaqblu ghalhekk huma identici mas-seba z-zghir tal-id ix-xellugija jew is-seba' tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Justin Fenech"*[15] u dana b'14 points of comparison.[16]

---

[6] Fol.19-20
[7] Fol.23
[8] Dok.JG6 a. fol.37
[9] Dok.JG4 a. fol.34
[10] Fol.38
[11] Fol.34
[12] Fol.35
[13] Fol.113 et seq
[14] Fol.23
[15] Fol.48 et seq. Relazzjoni Dok. JG8
[16] Fol.64 u 67

Illi minn ezami akkurat ta'l-atti processwali jirrizulta illi l-unika prova li torbot lill-imputat ma'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huma <u>zewg</u> impronti digitali (tas-seba' tac-curkett u tas-seba' z-zghir tal-id ix-xellugija tal-imputat).[17] Dawn l-impronti nstabu fuq l-alumunium tat-tieqa li taghti ghal-barra t-triq minn fejn sar id-dhul fil-fond u anke il-hrug (skond ix-xhieda tal-mejjet). L-istess imputat kategorikament jeskludi li qatt resaq lejn dik id-dar u sahansitra li kien ilu ma jghaddi minn dik it-triq sa minn mindu kien spicca jmur l-iskola. Ghandu jinghad ukoll li l-istqarrija tal-imputat ittiehdet <u>aktar minn sitt snin</u> wara li gie rrapurtat il-kaz.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Mifsud**:

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** (deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali) jinghad:
"Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison."

Imbaghad, "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."
(**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)[18]

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi jekk dina l-prova wahedha, tal-fatt li nstabu l-impronti fuq it-tieqa li ntuzat sabiex issir id-dhul fid-dar in kwistjonti, hijiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien il-malvivent involut fis-serqa jew fit-tentattiv tas-serqa.

[17] Fol.69-70

[18] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**, Dec 15.05.2013 u **Il-Pulizija vs Rashad Elarbi Mabruk,** Dec.16.03.2011, entrambi per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat.

Illi l-impronti digitali tal-imputat li instabu fuq it-tieqa ta' post fejn hu stess jinnega li qatt resaq lejh, tista' forsi twassal lill-Qorti ghal konkluzjoni illi l-imputat kien il-persuna li dahal go' d-dar in kwistjoni minn fejn kien lahaq ha ic-cwievet tal-vettrina izda fejn gie sfrattat milli jwassal sa tmiemu il-hsieb mallinn tieghu. Izda tali prova fin-nuqqas ta' korroborazzjoni sufficjenti ma tista' qatt twassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-malvivent li ikkometta l-imsemmi tentattiv ta' serqa. Illi ghalhekk certament jezisti ness bejn l-imputat u l-presenza tieghu mat-tieqa tal-abitazzjoni tal-anzjan, madanakollu dina ma tistabilixxi l-ebda ness bejn l-imputat u it-tentattiv tas-serqa in kwistjoni. Bla dubbju l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat izda ma hemm ebda ness bejn il-persuna li ntlemhet hierga mill-fond u l-imputat.

Illi ghalkemm l-Qorti tista' ma temminx dak li ighid l-imputat u ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f'dan ir-reat, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**